# Bandalori Ġodda u Restawr ta' l-Armar għall-Festa ta' San Ġorġ




Bi tħejjija għall-Festa tal-Qaddis Patrun t'Għawdex, San Ġorġ Martri, għadhom kif tlestew żewġ settijiet ġodda ta' bandalori biex iżejnu żewġ pjazzez prinċipali fil-belt Victoria matul il-ġranet tal-Festa.

Wieħed minn dawn is-settijiet inħadem għal Pjazza San Franġisk. Is-sett jikkomprendi tnax-il bandalora f'għamla tal-Bandiera ta' San Ġorġ (ara ritratt). Dawn il-Bandalori tfasslu u nħietu minn Nazzareno Galea, Anton Farrugia, u Charles Ballucci fuq disinn ta' Mark Sagona, li pinġa wkoll id-disinji tagħhom.

Sett ieħor sar għal Pjazza San Ġorġ sabiex jieħu post set ieħor qadim li kien sar fl-1959. Is-sett il-ġdid inħadem fuq disinn ta' Anthony Xuereb li ħa ħsieb ukoll il-ħjata tagħhom. Biex din l-opra tkun kompluta saru anke stilel ġodda għal fuq l-arbli ta' dawn il-bandalori, maħduma b'sengħa kbira minn George Cassar taħt id-direzzjoni ta' George Borg.

Matul dawn l-aħħar xhur sar ukoll xogħol ta' restawr fuq erba' pedestali li jintramaw fi Pjazza Indipendenza u li fuqhom jitqegħdu l-istatwi ta' l-artist Malti Vincenza Cremona, u li jirrappreżentaw l-erba' virtujiet li bihom kien imżejjen il-Martri ta' Lydda: Qawwa, Fidi, Karita' u Tama. Ix-xogħol fuq l-injam ta' dawn il-pedestalli sar minn Raymond Mizzi u Thomas Farrugia, filwaqt li Manuel Attard għamel ix-xogħol tal-forom. L-irħamar sar minn Joseph Cutajar, l-induratiura u l-iskultura kienet afdata f'idejn George Borg.

Bl-inizjattiva tal-grupp ta' żgħażagħ taħt it-tmexxija ta' Manuel Attard u Mark Sagona saru wkoll xogħolijiet oħra ta' manutenzjoni fuq uħud mill-istatwi u armar ieħor. dan il-grupp ħadem u stinka bla heda biex ix-xogħol kollu laħaq tlesta għall-festa. ●